**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Antoinette Gouder (ID 256968M), John Muscat (ID 375871M), Eleanor Muscat (ID 545974M), ahwa Muscat, Virginia Muscat (ID 629145M) armla ta' Vincent Muscat u Mary Muscat (ID 792039M)**

**Vs**

**Ellcee Nautical Supplies Limited (C16810)**

Rikors nru. 70/16

Illum 12 ta' Lulju 2017

Il-Bord,

Permezz tar-rikors prezentat minn Ellcee Nautical Supplies Limited prezentat fit-13 ta' Gunju 2017 qieghed jintalab mill-Bord sabiex a tenur tal-artikolu 231 sa 234 tal-Kapitolu 12 tinghata l-awtorizzazzjoni sabiex l-istess socjeta' tappella f'dan l-istadju tal-proceduri miz-zewg kapi tas-sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 2017 senjatament dawk li kienu jirreferu ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet imressqa minnha.

Fir-risposta taghhom, ir-rikorrenti Antoinette Gouder et oggezzjonaw ghar-ragunijiet segwenti:

i) L-artikoli 231 sa 234 tal-Kapitolu 12 mhux applikabbli ghall-Bord billi dan huwa regolat esklussivament mill-Kapitolu 69 u mkien m'hemm indikat f'dan il-kapitolu li meta jkun hemm sentenza in parte hemm bzonn li jigi prezentat rikors ghall-permess;

ii) Minghajr pregudizzju, l-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 ma japplikax ghall-Bord billi l-ligi titkellem fuq Qorti. L-artikoli 232, 233 u 234 m'ghandhomx x'jaqsmu

mar-rikors inkwistjoni. Inoltre' a tenur tal-artikolu 229(1)(m) tal-Kapitolu 12 digriet li ma jilqax it-talba ghall-waqfien mill-procedimenti mhux appellabbli hlief mas-sentenza finali. Inoltre', f'kaz li jkun hemm digriet li jaqa' taht l-artikolu 229(2)(3) tal-Kapitolu 12 il-process tal-permess ghall-appell mhux accettabbli jekk ikun gie intavolat rikors tal-appell diga'.

Permezz tad-decizjoni tat-8 ta' Gunju 2017, il-Bord iddecieda l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta' intimate billi ddikjara li l-Bord huwa kompetenti biex jiddeciedi l-mertu tar-rikors, u cahad it-talba ghal soprasessjoni kif ukoll it-talba biex il-proceduri odjerni jintbaghtu quddiem Bord diversament presjedut.

Gie vverbalizzat fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2017 li diga' gie interpost appell mill-istess decizjoni tal-Bord moghtija fit-8 ta' Gunju 2017 inkwantu ghad-decizjoni tal-Bord li huwa kompetenti biex jisma' l-kaz odjern.

Ikkunsidra:

Illi intqal mir-rikorrenti Antoinette Gouder et, l-operat ta' dan il-Bord huwa regolat mill-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll mil-Legislazzjoni Sussidjarja 69.01 u 69.02. Imbaghad fl-artikolu 20(1) tal-Kapitolu 69 hemm stipulat li *"Il-Bord ghandu l-istess setghat moghtija mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili".*

Fil-provvediment fl-ismijiet **V. Vella et vs B. Micallef,** moghti mil-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Gunju 2015 wara li giet intavolata procedura a tenur tal-artikolu 775 tal-Kapitolu 12, il-Qorti tal-Appell wara li rreferiet ghall-artikolu 1525 tal-Kapitolu 16 u ghall-artikolu 20 tal-Kapitolu 69 iddecidiet li huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li ghandu kompetenza jiddeciedi dwar talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju. Dan il-provvediment inghata wara li giet prezentata talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-konfront tal-intimati biex iharsu l-pretensjoni taghhom. Il-Bord bid-digriet tat-3 ta' Gunju 2013 astjena milli jiehu konjizzjoni tar-rikors billi deherlu li ma kienx kompetenti jisma' u jiddetermina talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju. In segwitu ghal tali digriet, ir-rikorrent ressqu mill-gdid it-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju din id-darba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili izda dik il-Qorti b'digriet tas-7 ta' Frar 2014 iddecidiet li din it-talba ma kinitx ta' kompetenza taghha billi kienet tal-fehma li l-Bord ghandu kompetenza esklussiva fuq il-materja.

Minn qari tal-Kapitolu 69 jirrizulta li m'hemmx artikolu ad hoc li jistipula li d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 huma applikabbli in toto jew in parte ghall-Bord li Jirregola l-Kera. Min-naha l-ohra pero' nsibu diversi artikoli fil-Kapitolu 69 u kif ukoll fil-legislazzjoni susssidjarja li jirreferu ghal diversi artikoli tal-Kpaitolu 12. Kif diga' gie ritenut l-artikolu 20 tal-Kapitolu 69 *"Il-Bord ghandu l-istess setghat moghtija*

*mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili".* Minn dan kollu, il-Bord huwa tal-fehma li m'hemm xejn jostakola l-applikazzjoni tal-artikoli 229 et sequitur ghall-proceduri quddiem il-Bord. Din il-fehma hija wkoll imsahha mill-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell succitat. Kif diga' gie rilevat, il-provvediment tal-Qorti tal-Appell kienet qeghda titratta rikors a tenur tal-artikolu 775 tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jistipula

*"Fil-każ li żewġ qrati jew iżjed jiddikjaraw ruħhom rispettivament inkompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża partikolari, li, b'dan kollu, tkun ta' kompetenza ta' waħda minn dawk il-qrati, imiss lill-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi liema waħda minn dawk il-qrati hija l-qorti kompetenti, ukoll jekk ma jkunx sar appell, fil-forma ordinarja, mid-deċiżjonijiet ta' dawk il-qrati, lill-Qorti tal-Appell fuq imsemmija."*

Kif jirrizulta ghalhekk minn qari tal-istess artikolu, dan juza' l-kelma 'qrati' u jaghti s-setgha lill-Qorti tal-Appell '*li tiddeċiedi liema waħda minn dawk il-qrati hija l-qorti kompetenti'.* Il-Qorti tal-Appell kellha quddiemha decizjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mill-Bord li Jirregola l-Kera li pero' ma waqqafx lill-istess Qorti tal-Appell milli tipprocedi bid-decizjoni taghha u milli tapplika l-istess artikolu 775 tal-Kapitolu 12.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Buttigieg vs PBS Ltd**[1] intqal:

*Fis-sentenza **Emanuel Cutajar vs L-Awtorita ghat-Trasport Pubbliku** tal-11 tal-Novembru 2015, din il-qorti diga' kellha l-opportunita li tiddeciedi dwar jekk l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 ghandux japplika ghal sentenza parzjali tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. F'dik is-sentenza ntqal:-*

*"Skond l-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490),*

*"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkollu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".*

*Imbaghad l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell minn sentenza parzjali jista' jsir biss wara li jinghata permess mill-qorti bil-miftuh.*

*Fil-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemmx provvediment generali li jghid li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Fil-fatt l-Artikolu 15 jipprovdi li l-Ministru tal-Gustizzja jista' jaghmel regolamenti li:-*
*"jistabbilixxu liema disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk ikun hemm, li ma ġewx imsemmija f'dan l-Att, jekk hemm, għandhom japplikaw għall-proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

*Min-naha l-ohra fil-Kap. 490 hemm disposizzjonijiet li jipprovdu espressament li japplikaw certu provvedimenti tal-Kap. 12 (ara per ezempju Artikoli 9(3), 13(2), 15 u 23(2) tal-Kap. 490). Madankollu m'hemmx riferenza espressa ghall-Artikolu 231 tal-Kap. 12.*

[1] Qorti tal-Appell deciz fit-13 ta' Jannar 2016

*Wiehed jista' jargumenta li peress li wahda mis-setghet tal-Prim'Awla hi li tawtorizza parti sabiex tappella minn sentenza parzjali (Artikolu 231 tal-Kap. 12) u skond l-Artikolu 20 tal-Kap. 490 it-Tribunal ghandu l-istess setghat li ghandha l-Prim'Awla, allura l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika wkoll fil-kaz ta' proceduri quddiem it-Tribunal. Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490 jipprovdi[2]:-*

*" 2) Id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-Qorti tal-Appell fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-Qorti tal-Appell meta din tkun qegħda tisma' appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

*Il-qorti tasal biex tghid li wkoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490, l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika fir-rigward ta' proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Qorti tal-Appell ma tistax tisma' appell minn sentenza in parte hlief jekk l-ewwel qorti tkun tat permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva. Materja li hi sollevabbli ex officio mill-Qorti tal-Appell".*

*L-argumenti tal-appellati m'humiex tali li jistghu jwasslu lil din il-qorti biex tirrevedi l-posizzjoni li kienet hadet fl-imsemmi kaz."[3]*

Dan l-insenjament b'analogija ghandu jsib ukoll l-applikazzjoni tieghu ghal kaz odjern.

Stabilit dan kollu jinghad li cahda ta' talba ghall-waqfien mill-procedimenti mhiex appellabbli f'dan l-istadju. Inkwantu ghat-talba biex ikun hemm appell mid-decizjoni referibilment ghat-tielet eccezzjoni mressqa dan il-Bord ma jqisx li ghandu jaghti l-permess biex isir appell minn dan il-kap tad-decizjoni inkwantu dan ikun ifisser aktar dewmien f'dawn il-proceduri li mhux fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jichad it-talba ta' Ellcee Nautical Supplies Limited ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

---

[2] Fil-kaz tal-Bord li Jirregola l-Kera issir referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 24 tal-Kapitolu 69, fejn fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu hemm stipulat li l-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell kif kostitwit skont l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fi zmien ghoxrin gurnata li tkun inghatat mill-Bord.

[3] Ara wkoll **H. Bock vs ATM** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar 2016

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**